**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)**

**Appell Nru: 248 / 2020**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Lara Butters)**

**(Spettur Karl Roberts)**

**Vs**

**Hamada Wajeeh Mohamed Taha Almobayed**

Illum, 9 ta' Frar 2021

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellat Hamada Wajeeh Mohamed Taha Almobayed, detentur tan-**Numru tal-Pulizija 19NN-043**, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja talli:

fis-17 ta′ Novembru, 2020 u jew fil-jiem, gimghat, jew xhur ta′ qabel din id-data gewwa dawn il-gzejjer;

1. Bil-hsieb illi jaghmel xi qliegh li jkun, ghen, assista, ta′ parir jew habbrek biex persuni ohra jidhlu jew jaghmlu tentattiv biex jidhlu jew johorgu jew jghaddu minn jew jaghmlu tentattiv biex johorgu minn Malta bi ksur tal-ligijiet ta′ Malta, jew li sew f′ Malta, sew barra minn Malta, ikkongura f′ dak is-sens ma′ xi persuni ohra u l-ghadd ta′ persuni mghejjuna, moghtija parir, li sar thabrik

dwarhom jew il-mira tal-kongura kif imsemmi qabel, kien ta' aktar minn tlieta, u dan bi ksur tal-Kap 9 Art 337A tal-ligijiet ta' Malta;

2. U aktar talli fl-istess perjodu, lok, u cirkostanzi, ghen jew assista lil xi persuna biex tinzel l-art jew tittanta tinzel l-art f' Malta, jew li toqghod gewwa Malta, kontra d-disposizzjonijiet ta' dan l-Att, jew lil xi persuna biex tinzel l-art jew tittanta tinzel l-art jew li toqghod gewwa, jew li titlaq minn xi Stat iehor bi ksur tal-ligi dwar id-dhul, ir-residenza, u l-hrug ta' dak l-Istat, jew tahbi jew taghti kenn lil xi persuna li tkun taf, jew ikollha tassew, ghax tahseb, li tkun qieghda f'Malta kontra d-disposizzjonijiet ta' dan l-Att bi ksur tal-Kap 217 Art 32 (1A) tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f' kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghal hlas ta' spejjez li jkollhom x' jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-18 ta' Novembru, 2020, fejn il-Qorti **wara li rat l-artikolu 337A tal-Kodici Kriminali, u l-artikolu 32 (1) (a) tal-Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, sabet lill-imputat Hamada Wajeeh Mohamed Taha Almobayed hati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tieghu u ikkundannatu ghall-piena ta' hamsa u erbghin (45) xahar prigunerija.**

Rat ir-rikors tal-appellanti Hamada Wajeeh Mohamed Taha Almobayed minnu pprezentat fl-4 ta' Dicembru, 2020, fejn talab lil din il-Qorti joghgobha tilqa' dan l-appell billi **TIRRIFORMA** s-sentenza appellata billi filwaqt li **TIKKONFERMAHA** fejn sabet lill-appellant hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu, **THASSARHA U TIRREVOKAHA** in kwantu ghall-piena inflitta u dan billi timponi piena aktar ekwa u gusta ghac-cirkostanzi tal-kaz.

Rat illi l-aggravji huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:

**A. <u>Piena Erogata</u>**

Illi dan huwa appell li jirrigwarda l-piena stante li l-appellanti rregistra ammissjoni. Illi huwa minnu li l-insenjament tal-Qrati superjuri dejjem sahaq li sa certu punt appelli wara ammissjoni huma ftit odjuzi peress li meta wiehed jirregistra ammissjoni dana ikun qed ' jerhi' lilu nnifsu kompletament f' idejn dik il-Qorti li tkun qed tiggudikah. Illi fuq ton akkademiku, pero` l-esponenti ma jaqbilx kompletament ma' tali insenjament. Illi dana peress li qabel mal-Qrati tal-Ewwel grad, fin-nuqqas ta' sistema ta' 'sentencing policy' rigida, ma' jzommu certu konsistenza u omogenjita` fis-sentenzi taghhom, allura bilfors li jkollok min jilmenta bhalma qed jigri fil-kaz in ezami. Illi inoltre f' kull kaz Qrati ta' l-appell xorta ghandhom jidhlu f' ezami akkurat tac-cirkostanzi kollha biex jaraw il-piena inflitta kinitx eccessiva jew le.

Illi l-esponent umilment jirrileva illi l-piena moghtija lilu u cioe' dik ta' hamsa u erbghin (45) xahar prigunerija hija wahda eccessiva.

Illi qabel xejn ghandu jigi kkunsidrat li **l-piena qatt mghandha sservi sabiex titpatta l-hsara li tkun iggarbet mill-vittma - jew mill-familjari taghha - kawza tas-sinistru**.

Illi f' dan l-isfond ssir riferenza ghas-sentenza **Il-Pulizija vs Francis Mamo**:

*Fil-verita l-iskop tal-piena muhiex wiehed ta' tpattija. Huwa ben stabbilit li l-piena m' ghandhiex isservi bhala xi forma ta' vendikazzjoni tas-socjeta` fil-konfront tal-hati. Il-piena ghandha diversi skopijiet. Wiehed minnhom huwa sabiex jigi ripristinat it-tessut socjali li jkun gie mcarrat bil-ghemil kriminali ta' dak li jkun. Taht dan l-aspett jassumu importanza, fost affarijiet ohra, kemm ir-rizarciment tad-dannu da parti tal-hati kif ukoll ir-riforma tal-istess hati.*

*Skop iehor tal-piena huwa dak li tigi protetta s-socjeta`. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil-kaz ta' persuni li b' ghemilhom juru li huma ta' minaccja ghas-socjeta` dawn jinzammu inkarcerati u ghalhekk barra mic-cirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil-kaz ta' reati gravi, is-sentenza tibghat messagg car li jservi ta' deterrent generali. Il-Qrati ta' gustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet ohra tal-piena.*

*Illi huwa propju ghalhekk illi ghal kull reat il-Ligi ma tistipulax piena fissa imma tistipula minimu u massimu; jispetta lill-Qorti biex fid-diskrezzjoni taghha, u entro dawk il-parametri, teroga dik il-piena permezz ta' liema, skond ic-cirkostanzi ta' kull kaz, tipprova ssib dak il-bilanc gust bejn d-diversi skopijiet li ghandhom jintlahqu......*

*Illi huwa car li l-imputat mhux persuna ta' kondotta vjolenti jew li ghandu bzonn ta' xi tip ta' riforma fil- karattru tieghu; dan pero ma jfissirx necessarjament li huwa m' ghandux jinghata piena karcerarja jekk hija din il-piena li tohloq dak il-bilanc gust bejn id-diversi skopijiet li jridu jintlahqu permezz taghha, inkluz dak li tibghat messagg car li jservi ta' deterrent.*

*Illi fil-kaz in ezami l-imputat m' ghandux l-iskuza ta' l-inesperjenza jew il-blugha taz-zghozija; huwa ragel adult u ta' certa esperjenza li pero ghazel li jinjora dak li din l-esperjenza bil-fors kienet ghallmitu;..*

Illi fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Anton Vassallo** **deciza mill-**Onor Imhallef David Scicluna nhar id-9 ta' Jannar, 2013 intqal hekk:

*"Il-piena ghandha diversi skopijiet. Wiehed minnhom huwa sabiex jigi ripristinat it-tessut socjali li jkun gie mcarrat bil-ghemil kriminali ta' dak li jkun. Taht dan l-aspett jassumu importanza, fost affarijiet ohra, kemm ir-rizarciment tad-dannu da parti tal-hati kif ukoll irriforma tal-istess hati. Skop iehor tal-piena huwa dak li tigi protetta s-socjeta`. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil-kaz ta' persuni li b' ghemilhom juru li huma ta' minaccja ghas-socjeta` dawn jinzammu inkarcerati u ghalhekk barra mic-cirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil- kaz ta' reati gravi, is-sentenza tibghat messagg car li jservi ta' deterrent generali. Il-Qrati ta' gustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet ohra tal-piena."*

*12. Din il-Qorti hi tal-fehma li fil-kaz in ezami jidher illi lappellant/l-appellat qieghed fit-triq it-tajba u qieghed jaghmel l-isforzi mehtiega biex izomm in lineja mar-responsabbiltajiet tieghu. Is-socjeta` ghalhekk ma tistax tigi protetta bl-inkarcerazzjoni tieghu izda billi, bl-ghajnuna ta' ufficjal tal-probation, ikompli jirresponsabbilizza ruhu, u dan anke billi jaghmel il-pagamenti opportuni lill-vittmi tieghu kif ukoll billi jrodd xi haga lis-socjeta` permezz ta' servizz fil-komunita`. Ghalhekk huwa l-kaz illi, minbarra ordni ta' kumpens, l-appellant/l-*

*appellat accettanti, jitqieghed taht ordni ta' probation u servizz sabiex ikun hemm ammont ta' supervizjoni minn ufficjal tal-probation filwaqt illi l-hati, permezz tal-hidma tieghu, ikun qieghed irodd lis-socjeta` offiza dak is-sodisfazzjon li hija tippretendi li ghandu jkollha minhabba l-agir kriminuz tieghu.*

Illi inoltre fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Massimo Abela** deciza mill-Imhallef Edwina Grima nhar it-28 ta' Frar tas-sena 2018 intqal hekk:

*Illi bosta drabi l-Qrati sahqu fuq il-bzonn ta' piena li ghandha tkun mezz riformattiv, a skapitu tal-mezz deterrent fil-piena. Fil-fatt, fost diversi decizjonijiet, fis-sentenza* ***Il-Pulizija vs. Stephen Spiteri*** *moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Settembru tas-sena elfejn u tlieta (2003), il-Qorti qalet illi:*

*Konsiderata l-piena bhala mezz ta' riforma tal-imputat fl-interess tieghu u tas-socjeta' , izjed u izjed din il-piena karceraja tidher inadatta. Infatti, permezz taghha, tifel ta' kondotta sa issa tajba, u li diga' , bil-fatti, wera' ; soghba tar-reat li ghamel, ser jinxtehet ghal soggorn ma' nies li fil-maggjoranza taghhom huma delinkwenti recidivi multipli. B' hekk minflok jigi riformat, hemm il-possibilta' illi huwa jiehu lezzjonijiet fid-delinkwenza ... tara illi huwa opportun illi inehhi l- impressjoni illi l- iskop tal-ligi kriminali u tal-piena huwa biss illi jkun ta' deterrent biex jghallem lil dak li jkun illi ' crime does not pay' . Huwa certament kuncett illi ghamel zmien u kien il-kuncett predominanti, pero llum il-kuncett m' huwiex aktar ta' piena retributtiva, imma ta' sistema restorattiva, fejn anke jekk hu possibbli u safejn hu possibbli, u tenut kont anki tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, kif ukoll tal-precedenti kriminali tal-imputat, isir tentattiv biex mhux biss issir rikonciljazzjoni bejn l-agent tad-delitt u l-vittma li tkun sofriet danni u anke sofferenzi ohrajn, imma anki illi jkun hemm possibilita' illi dak li jkun jigi informat u jikkonvinci ruhu illi ghandu jsegwi t-triq it-tajba.*

Illi imbaghad fis-sentenza taghha **Il-Pulizija vs Maurice Agius**, il-Qorti tal-Appell Kriminali ezaminat *in funditus* meta qorti ghandha timponi sentenza ta' prigunerija sospiza:

*Fis-sentenza taghha tat-23 ta' Settembru 1994 fl-ismijiet* ***Il-Pulizija v. Anthony Wood*** *din il-Qorti (kif illum presjeduta) kienet spjegat kif Qorti ta' Gustizzja Kriminali ghandha taffronta l-kwistjoni jekk ghandhiex timponi o meno sentenza ta' prigunerija sospiza, u dan*

*kemm fuq l-iskorta tal-gurisprudenza tal-qrati Inglizi u tal-ligi Ingliza kif kienet dak iz-zmien u precedentement, kif ukoll fuq l-iskorta ta' gurisprudenza lokali. Huwa car, anke fid-dawl tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 28A, li l-ewwel haga li qorti trid tiddecidi hi jekk il-kaz jimmeritax piena ta' prigunerija, b' mod li jigu eskluzi (jekk kienu talvolta applikabbli u mhux aprioristikament eskluzi mill-legi stess) mizuri bhal ordinijiet maghmula taht l-Att dwar il-Probation jew multa. Jekk jigi stabbilit, tenut kont tac-cirkostanzi kollha, li l-kaz kien jimmerita prigunerija, il-gudikant irid jghaddi ghat-tieni stadju, u cioe` biex jiddetermina t-tul ta' tali prigunerija. Hawn ukoll il-gudikant ma jridx joqghod ihares lejn is-subartikolu (1) tal-Artikolu 28A u jipprova jara kif ibaxxi l-piena biex igibha ma teccedix is-sentejn. Il-piena ta' prigunerija trid tkun dik il-piena li oggettivament taghmel ghall-kaz, indipendentement minn jekk tkunx tista' tigi sospiza o meno. Huwa biss jekk il-piena hekk oggettivament stabbilita ma tkunx ta' aktar minn sentejn prigunerija li l-gudikant jghaddi ghat-tielet stadju, u cioe` biex jikkonsidra jekk ghandux jissospendi o meno tali piena (ghal periodu ta' mhux anqas minn sena u mhux izjed minn erba' snin). Huwa evidenti li l-ewwel haga li trid issir f' dana t-tielet istadju hi li wiehed jara jekk hemmx xi ostakolu statutorju ghal tali sospensjoni (bhalma huma l-paragrafi (a), (b) u (c) tas-subartikolu (7), gja` msemmi, tal-Artikolu 28A, jew bhalma wiehed isib fl-Artikoli 337A u 22(9) tal-Kapitoli 9 u 101 rispettivament); jekk ma hemmx tali ostakoli, allura, u allura biss, tqum il-kwistjoni ta' jekk il-piena ta' prigunerija ghandhiex tigi sospiza u, jekk ghandha tigi sospiza, x' ghandu jkun il-periodu operattiv taghha (cioe` ghal kemm zmien tibqa' hekk sospiza fuq ras il-hati).*

*Huwa minnu li, kif jispjega l-Professur David Thomas fil-ktieb tieghu* ***Principles of Sentencing*** *"[the] difficulty that arises at this point is that if the first two stages have been followed correctly, all factors which are relevant to the sentence should have been taken into account already. The sentencer must either give double weight to some factors for which he has previously made allowance in calculating the length of the sentence, or search for some new factors which will justify suspension although they are not relevant to the other issues which the sentencer has already considered." Din il-Qorti, fis-sentenza taghha aktar il-fuq imsemmija (ta'* ***Anthony Wood****) hadet linja aktar prammatika milli forsi teoretika jew akkademika u, fuq l-iskorta ta' sentenzi precedenti, stabbiliet li s-sentenza sospiza, oltre li ghandha tkun applikata bhala eccezzjoni u mhux bhala regola, ghandha tinghata f' kaz ta' xi cirkostanza partikolari li minhabba fiha l-qorti thoss li ma jkunx opportun li tapplika l- piena "normali" preskritta mill-ligi ta' prigunerija b' effett immedjat. Fi kliem iehor, hemm bzonn li*

*jkun hemm cirkostanza (jew cirkostanzi) specjali (mhux neccessarjament, pero`, cirkostanzi specjali u straordinarji bhalma jissemmew fl-Artikolu 21 tal-Kap. 9) li jaghmlu l-eccezzjoni (is-sospensjoni tal-piena ta' prigunerija) aktar indikata ghar-retta amministrazzjoni tal-gustizzja mir-regola (il-piena karcerarja b' effett immedjat).*

**9.** *Naturalment huwa mpossibbli li wiehed jiddetermina aprioristikament x' inhi jew x' tista' tkun tali cirkostanza (jew cirkostanzi), jew li jipprova jiddefiniha. Il-buon sens, pero`, jissuggerixxi diversi cirkustanzi, u kriterji ohra, li ghandhom jitqieghdu fil-kfief tal-mizien: il-gravita` tar-reat, il-mod kif ikun twettaq, l-impatt fuq is-socjeta`, il-hsara rizultanti, jekk wiehed ghamilx tajjeb ghal dik il-hsara, il- koperazzjoni u l-ghajnuna li wiehed ikun ta lill-pulizija fil-kors tal-investigazzjoni, l-ammissjoni bikrija (b' mod li l-istat ma jinkorrix f' aktar spejjez), l-impatt tas-sospensjoni jew tan-nuqqas ta' sospensjoni kemm fuq il-persuna misjuba hatja kif ukoll fuq is-socjeta`, jekk il-persuna misjuba hatja hix perikoluza u/jew x' indikazzjonijiet hemm li hija tista' terga' tikkommetti reat iehor (simili jew ta' xorta ohra), u hafna u hafna cirkostanzi ohra. Jinghad ukoll li, filwaqt li gudikant, fil-ghoti tal-piena (u dan mhux biss fil-kaz ta' jekk sentenza ta' prigunerija ghandhiex tigi sospiza o meno) ghandu jiehu kont tal-impatt tar-reat fuq is-socjeta` u tar-reazzjoni tas-socjeta` ghal dak it-tip ta' reat (tali reazzjoni hija r-rifless ta' dak l-impatt), il-gudikant mhux qieghed hemm biex jissodisfa l-ghajta ta' dawk li, ma' kull sentenza, tarahom jiktbu fil- gazzetti jew f' xi blog fuq l-internet biex jikkritikaw kollox u bl-addocc ghax minghalihom li saru issa esperti anke fil-ligi u fil-mod kif is-sentenzi ghandhom jigu decizi. Kif qal Lord Justice Lawton fil-kawza* ***R v. Sargeant*** *:*

***"Society, through the courts, must show its abhorrence of particular types of crime, and the only way in which the courts can show this is by the sentences they pass. The courts do not have to reflect public opinion. On the other hand they must not disregard it. Perhaps the main duty of the court is to lead public opinion."***

Illi inoltre l-esponent jaghmel referenza ghall-ktieb bl-isem ta' **Principles of Sentencing** (Heinemann, London, 1979), ta' **David Thomas**, fejn intqal illi:

> *"The probation order is clearly the most important individualized measure available to a sentence. It is not limited to any one group of offenders; as the discussion in*

*chapter one illustrates, probation is used to deal with recidivists of mature age as well as the young and those of good character" (p.236)*

Illi inoltre' , qieghda ssir referenza ghad-decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), ta' nhar l-24 ta' Marzu, 2014, fil-kawza bl-ismijiet **Il-Pulizija v. Stephen Urry,** f' liema decizjoni l-Qorti tenniet:

*F' dan il-kaz, din il-Qorti mhix konvinta li jekk l-imputat jerga jigi kundannat ghal piena karcerarja ohra fuq reati li huwa ammetta ghalihom u li sehhew aktar minn sitt snin wara li gew kommessi, sejjer ikun qieghed imur ghall-ahjar f' hajtu. […]*

*Wara li qieset bir-reqqa dak kollu mistqarr aktar il-fuq, bhall-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kaz Hatherly, din il-Qorti lesta li tiehu r-riskju u li minflok terga tikkundanna lill-imputat ghal piena ohra ta' prigunerija, bi hsiebha li tqeghdu taht ordni ta' probation bl-obbligu li l-imputat jigi segwit barra l-konfini tal-Facilita Korrettiva ta' Kordin, fejn donnu ma kien tghallem xejn […].*

F' dan l-istadju l-appellant jaghmel referenza ghal diversi sentenzi fejn anke persuni li kienu recidivi, **mhux bhal appellant illi ghandu fedina penali netta**, wkoll inghataw opportunita ohra, permezz ta' piena ridotta, sempliciment peress illi ma baqghux fit-triq li kienu fiha qabel u cioe' fil-perjodu meta sehhew ir-reati li taghhom gew akkuzati.

Fis-sentenza fl-ismijiet ta' **Il-Pulizija vs Charlot Aquilina**, deciza mil-Onorabbli Qorti tal-Magistrati fis- 7 ta' Novembru ,2008 il-Qorti sahqet fuq il-bzonn, illi persuna **ghandha tinghata cans iehor fil-hajja taghha**, la darba turi car illi hemm ir-rieda ta' bidla:

*' Ghal finijiet ta' piena il-Qorti kkunsidrat bir-reqqa kollha dovuta is-Social Inquiry Report esebit a fol. 104 et sequitur tal-process minn fejn jirrizulta li l-imputat kellu trobbija instabbli,* ***li huwa kellu problema serja ta' abbuz mid-droga… u li***

***huwa ilu ma jabbuza mid-droga b' mod kontinwu ghal dawn l-ahhar erba' snin**… **li tul dawn l-ahhar erba' snin kienu qed isiru urine sample tests lill-imputat u dawn dejjem irrizultaw fin-negattiv**… Il-Qorti wara li kkunsidrat dan kollu jidrilha li ghalkemm mill-fedina penali tal-imputat jirrizulta li huwa inghata opportunitajiet rega' qabad it-triq il-hazina ghaliex kien ghadu jabbuza mid-droga, irrizulta wkoll li dawn l-incidenti jirrisalu ghal qabel is-sena 2003, u cioe' ghal qabel ma l-imputat beda u ttermina b' success il-programm residenzjali, **u ghalhekk l-imputat ghandu jinghata l-ahhar opportunita' sabiex jirriforma ruhu u jaqbad definittivament it-triq it-tajba specjalment meta wiehed jikkunsidra li llum il-gurnata l-imputat** oltre li ttermina b' success il-programm residenzjali **ghandu xoghol stabbli u anki hajja familjari wkoll pjuttost stabbli.'***

Fis-sentenza, **<u>Il-Pulizija vs Ritmar Hatherly u Justin Farrugia</u>**, deciza mill-Qorti ta' l-Appell fid-9 ta' Ottubru, 2008, il-Qorti, filwaqt li ghamlet referenza ghal xi kazijiet ohra qalet hekk:

' Issa, ghalkemm huwa veru li qorti ghandha dejjem toqghod attenta li ma tizvalutax il-mizuri mhux karcerarji a disposizzjoni taghha b' applikazzjoni taghhom bl-addocc u minghajr ma tiehu kont xieraq tal-antecedenti penali ta' dak li jkun, mill-banda l-ohra s-semplici fatt li persuna tkun precedentement inghatat *probation* jew *conditional discharge* ma jfissirx necessarjament li ma tkunx tista' , jew li m' ghandhiex, fil-kazijiet li jikkwalifikaw terga' tinghata *probation* jew *conditional discharge* jew tigi applikata fil-konfront taghha xi mizura ohra taht il-Kap. 446'.

F' dan ir-rigward din il-Qorti taghmel referenza ghal dak li nghad fis-sentenza taghha tat-18 ta' Jannar 2001 fl-ismijiet <u>Il-Pulizija v. George Farrugia</u>: "*Issa, huwa veru li l-appellat ghandu fedina penali li ftit din il-Qorti rat bhalha. Bizzejjed jinghad li dina l-fedina penali tiehu xejn anqas minn 42 faccata. L-appellat illum ghandu erbghin sena, u f' dawn l-erbghin sena huwa kellu xejn anqas minn 77 kundanna mill-Qrati ta' Gustizzja Kriminali. Kien hemm xi okkazzjonijiet*

> *fis-snin sebghin u fil-bidu tassnin disghin meta l-qrati applikaw fil-konfront tieghu sia l- Artikolu 5 kif ukoll l-Artikolu 9 tal-Kap. 152; il-bqija talkundanni, pero`, jinvolvu multi u habs…"Apparti li din il-Qorti ma tistax taqbel ma' l-Avukat Generali fejn dan jghid li s-sitwazzjoni ta' l-appellat hija "irriversibbli" – fil-fehma tal-Qorti hija l-mewt biss li ggib stat jew sitwazzjoni ta' irriversibilita` assoluta – anqas ma tista' din il-Qorti tikkondividi l-fehma ta' l-Avukat Generali li Ordni ta' Probation hu indikat biss ghal "first offenders" zghazagh.* ***Anke fil-kaz ta' persuna ta' eta` mhux zghira u li forsi hu recidiv, tista' titfacca fil-hajja ta' dik il-persuna a window of opportunity li permezz taghha jkun jista' jinkiser ic-ciklu ta' kundanni u ta' prigunerija.'***

Illi di piu' l-appellant jirrileva illi l-piena fil-kaz de quo hija eccessiva anke in vista tal-fatt illi l-fedina penali tal-appellant hija wahda netta u ghalhekk jekk ghandu jinstab hati ghandu jitqies u jigi kkunsidrat bhala *first time offender*. Fil-fatt, jigi rilevat illi l-fedina penali esebita fl-inkartament kriminali turi illi l-appellant qatt ma mess difru mal-gustizzja u ghalhekk huwa bniedem b' fedina penali kompletament netta u nadifa.

Illi inoltre l-appellant jirrileva illi fl-erogazzjoni tal-piena l-Qorti Kriminali ghalkemm hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-appellant kif ukoll il-kooperazzjoni tieghu mal-Pulizija, l-appellant jikkontendi illi l-Ewwel Onorabbli Qorti kellha tinfliggi piena iktar ekwa u gusta tenut kont ta' dawn iz-zewg fatturi.

Illi fl-ewwel lok jigi rilevat illi l-appellant ammetta fl-aktar stadju bikri tal-proceduri kriminali u ghalhekk ma kienx hemm il-htiega lanqas illi l-Prosekuzzjoni jressqu provi in sostenn tal-akkuzi migjuba fil-konfront tal-appellant. Fil-fatt, l-appellant ammetta ghall-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu fil-prezentata [anke fl-istqarrija rilaxxata minnu mal-Pulizija]. Illi l-appellant jirrileva illi r-regoli generali li ghandhom jiggwidaw il-Qrati fil-kazijiet ta' ammissjoni bikrija fil-proceduri kienu deskritti mill-Qorti tal -Appell Kriminali fis-sentenza preliminari taghha fil -kawza: "Ir-Repubblika ta' Malta vs. Nicholas Azzopardi", [24.2.1997]; u mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza taghha "Il-Pulizija vs. Emmanuel Testa", [17.7.2002].

F' din l-ahhar sentenza dik il-Qorti kkwotat minn **Blackstone' s Criminal Practice,** (Blackstone Press Limited – 2001 edit.):-

*"Although this principle [that the length of a prison sentence is normally reduced in the light of a plea of guilty] is very well established, the extent of the appropriate "discount" has never 7 been fixed. In Buffery ([1992] 14 Cr. App. R. (S) 511) Lord Taylor CJ indicated that "something in the order of one-third would very often be an appropriate discount", but much depends on the facts of the case and the timeliness of the plea. In determining the extent of the discount the court may have regard to the strength of the case against the offender.*

*An offender who voluntarily surrenders himself to the police and admits a crime which could not otherwise be proved may be entitled to more than the usual discount. (Hoult (1990) 12 Cr. App. R. (S) 180; Claydon (1993) 15 Cr. App. R. (S) 526 ) and so may an offender who , as well as pleading guilty himself , has given evidence against a co-accused (Wood [1997] 1 Cr. App. R. (S) 347 ) and/or given significant help to the authorities ( Guy [1992] 2 Cr. App. R. (S) 24 ). Where an offender has been caught red handed and a guilty plea is inevitable, any discount may be reduced or lost (Morris [1998] 10 Cr. App. R. (S) 216; Landy [1995] 16 Cr. App. R. (S) 908).*

*Occasionally the discount may be refused or reduced for other reasons, such as where the accused has delayed his plea in an attempt to secure a tactical advantage (Hollington [1985] 85 Cr. App. R. 281; Okee [1998] 2 Cr. App. R. (S) 199.) Similarily , some or all of the discount may be lost where the offender pleads guilty but adduces a version of the facts at odds with that put forward by the prosecution , requiring the court to conduct an inquiry into the facts (Williams [1990] 12 Cr. App. R. (S) 415.) The leading case in this area is Costen [1989] 11 Cr. App. R. (S) 182 , where the Court of Appeal confirmed that the discount may be lost in any of the following circumstances : (i) where the protection of the public made it necessary that a long sentence, possibly the maximum sentence, be passed; (ii) cases of ' tactical plea' , where the offender delayed his plea until the final moment in a case where he could not hope to put up much of a defence, and (iii) where the offender has been caught red-handed and a plea of guilty was practically certain ….."*

Illi inoltre l-appellant jirrileva huwa kkopera bi shih mal-Pulizija kif anke rilevat mill-istqarrija esebita fl-inkartament kriminali u ghalhekk il-Qorti kellha tikkunsidra dan ukoll fl-ikkalibrazzjoni tal-piena.

Illi inoltre l-appellant jirrileva illi ghalkemm reati simili huma kundannabbli bla ebda riserva kien hemm diversi kazijiet simili fejn min instab hati lanqas biss inghata piena ta' prigunerija effettiva. Illi l-appellant jirrileva illi ghalkemm il-paraguni huma odjuzi, hemm diversi kazijiet fejn il-hatja jkunu ppartecipaw b' mod iktar attiv jew daqt l-appellant u l-piena taghhom kienet ferm inqas mill-piena illi giet inflitta fuq l-appellant.

Fl-ewwel lok ssir referenza ghal kaz fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Antonio sive Anthony Abdilla u Dorianne Abdilla**, deciza mill-Qorti Kriminali fis- 7 ta' Ottubru tas-sena kurrenti, fejn l-akkuzata Dorianne Abdilla, li ammetiet l-imputazzjoni biss qabel ma gie ffurmat il-guri, u certament mhux fi stadju bikri tal-proceduri, giet ikkundannat biss ghal hlas ta' multa fis-somma ta' tlieta u ghoxrin elf, mitejn u tlieta u disghin euro u tlieta u sebghin centezmu (€23, 293.70). Jidher illi l-akkuzata giet ikkundannata ghal hlas ta' multa, propju peress illi l-involviment taghha kien wiehed limitat. Fi kliem iehor l-appellant umilment jissotometti illi l-Ewwel Qorti setghet imponiet fuqu multa, jew alternattivament, piena karcerarja fil-minimu taghha.

Illi fit-tieni lok ssir referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija vs Djillali Douib deciza nhar il-15 ta' Novembru tas-sena 2016 fejn l-appellant kien akkuzat b' reati simili u gie kkundannat ghal piena ta' sentejn prigunerija sospizi ghal erba' snin flimkien ma' multa ta' hamest elef ewro (5,000).

Ghalhekk il-piena ta' hamsa u erbghin (45) xahar prigunerija kemm fil-kwalita taghha, u sussidjarjament u minghajr pregudizzju, fil-kwantita, ma tohloqx bilanc bejn l-aspett retributtiv u dak riformattiv, tant accenat u accettat, fil-kuncett ta' gustizzja kriminali fiz-zminijiet ta' llum. Illi ghalhekk l-appellant jirrileva illi l-piena erogata mill-Ewwel Qorti u cioe' ta' hamsa u erbghin (45) xahar prigunerija meta

wiehed jikkonsidra l-fatti kollha tal-kaz, hija wahda sproporzjonata u eccessiva fil-kaz odjern u tqarreb iktar lejn il-massimu milli lejn il-minimu fejn persuni b' akkuzi identici sahansitra lanqas biss inghataw piena ta' prigunerija effettiva.

Ikkunsidrat,

Illi l-appell tal-appellant huwa bbazat fuq il-piena inflitta wara li l-appellant kien irregistra ammissjoni. Illi kif meqjus fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija v. Jonathan Attard'**[1]:

*'Issa fit-termini tal-gurisprudenza ormai kostanti tal-Qrati taghna, meta jkun hemm ammissjoni huwa xi ftit jew wisq odjuz appell minn piena sakemm din tkun tirrientra fil-limiti li tipprefiggi l-ligi. Dan huwa hekk peress illi min jammetti jkun qieghed jassumi r-responsabilita` tad-decizjoni li jkun ha u jirrimetti ruhu ghal kull decizjoni dwar piena li l-Qorti tkun tista' tasal ghaliha. Naturalment dan ma jfissirx li din il-Qorti u Qrati ohra ta' appell ma jidhlux f'ezami akkurat tac-cirkostanzi kollha biex jaraw jekk il-piena nflitta kenitx eccessiva jew le. Mhuwiex normali pero`, li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun inghatat.'*

L-appellant ghamel referenza ghal gurisprudenza fejn il-Qrati qiesu l-iskop tal-piena kif ukoll piena alternattiva ghal dik ta' prigunerija. L-appellant ghamel ukoll referenza ghal diversi sentenzi fejn anke persuni li kienu recidivi, mhux bhall-appellant li ghandu fedina penali netta, inghatghu opportunita ohra, permezz ta' piena ridotta, sempliciment peress li ma baqghux fit-triq li kienu fiha qabel u cioe' fil-perjodu meta sehhew ir-reati li taghhom gew akkuzati. L-appellant jissottometti li l-piena fil-kaz de quo hija eccessiva anke in vista tal-fatt li l-fedina penali tal-appellant hija wahda netta u ghalhekk jekk ghandu jinstab hati ghandu jitqies u jigi kkunsidrat bhala *first time offender*. Li l-fedina penali esebita fl-inkartament kriminali turi li l-

[1] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-26 ta' Mejju, 2004 (Appell Kriminali Numru: 47/2004)

appellant qatt ma mess difru mal-gustizzja u ghalhekk huwa bniedem b'fedina penali kompletament netta u nadifa. Li ghalkemm hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-appellant, kif ukoll il-kooperazzjoni tieghu mal-Pulizija, l-appellant jikkontendi li l-Ewwel Qorti kellha tinfliggi piena iktar ekwa u gusta tenut kont ta' dawn iz-zewg fatturi. Gie sottomess li l-appellant ammetta fl-aktar stadju bikri tal-proceduri kriminali u ghalhekk ma kienx hemm il-htiega lanqas illi l-Prosekuzzjoni jressqu provi in sostenn tal-akkuzi migjuba kontra tieghu. L-appellant ammetta ghall-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu fil-prezentata. Li kkopera bi shih mal-Pulizija kif anke rilevat mill-istqarrija esebita fl-inkartament kriminali u ghalhekk il-Qorti kellha tikkunsidra dan ukoll fl-ikkalibrazzjoni tal-piena. In oltre' jissottometti li ghalkemm reati simili huma kundannabbli bla ebda riserva, kien hemm diversi kazijiet simili fejn min instab hati lanqas biss inghata piena ta' prigunerija effettiva. Jissottometti li ghalkemm il-paraguni huma odjuzi, hemm diversi kazijiet fejn il-hatja jkunu ppartecipaw b'mod iktar attiv jew daqs l-appellant u l-piena taghhom kienet ferm inqas mill-piena inflitta fuq l-appellant. Ghalhekk skond l-appellant, il-piena ta' hamsa u erbghin (45) xahar prigunerija, kemm fil-kwalita' taghha u sussidjarjament u minghajr pregudizzju, fil-kwantita' ma tohloqx bilanc bejn l-aspett retributtiv u dak riformattiv, tant accennat u accettat fil-kuncett ta' gustizzja kriminali fiz-zminijiet tal-lum. Ghalhekk l-appellant jirrileva li l-piena erogata mill-Ewwel Qorti u cioe' ta' hamsa u erbghin (45) xahar prigunerija meta wiehed jikkonsidra l-fatti kollha tal-kaz, hija wahda sproporzjonata u eccessiva fil-kaz odjern u tqarreb iktar lejn il-massimu milli lejn il-minimu fejn persuni b'akkuzi identici sahansitra lanqas biss inghataw piena ta' prigunerija effettiva.

Ikkunsidrat;

L-**artikolu 337A tal-Kodici Kriminali** jaqra:

'*(1) Kull min bil-ħsieb li jagħmel xi qliegħ li jkun, jgħin, jassisti, jagħti parir jew iħabrek biex persuna oħra tidħol jew tagħmel tentattiv biex tidħol jew toħroġ jew tgħaddi minn jew tagħmel tentattiv biex tgħaddi minn jew tagħmel tentattiv biex toħroġ minn Malta bi ksur*

*tal-liġijiet ta' Malta, jew li, sew f'Malta sew barra minn Malta, jikkonġura f'dak is-sens ma' xi persuna oħra jista', mingħajr preġudizzju għal kull piena oħra taħt dan il-Kodiċi jew taħt xi liġi oħra, jeħel il-piena ta' priġunerija minn* ***sitt xhur sa ħames snin*** *jew* ***multa ta' tlieta u għoxrin elf mitejn u tlieta u disgħin euro u tlieta u sebgħin ċenteżmu (23,293.73)*** *jew dik il-****multa u priġunerija flimkien*** *u* ***d-dispożizzjonijiet tal-artikoli 21 u 28A u dawk tal-Att dwar il-Probation ma jkunux japplikaw****:*

*Iżda meta l-għadd ta' persuni mgħejjuna, assistiti, mogħtija parir, li jkun sar tħabrik dwarhom, jew il-mira tal-konġura kif imsemmi qabel ikun ta'* ***aktar minn tlieta****, il-piena għandha* ***tiżdied bi grad wieħed sa tliet gradi****:*

*Iżda wkoll meta r-reat isir -*
*(a) bħala attività ta' xi organizzazzjoni kriminali; jew*
*(b) waqt li tiġi perikolata l-ħajja tal-persuni mgħejjuna, assistiti, mogħtijin parir, prokurati jew li jkunu l-mira tal-konġura hawn qabel imsemmija, il-piena għandha dejjem tiżdied b'żewġ gradi ukoll meta l-ewwel proviso ma jkunx japplika.*

*(2) Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 5, il-qrati f'Malta għandu wkoll ikollhom ġurisdizzjoni fuq ir-reat f'dan l-artikolu meta -*
*(a) ir-reat isir ukoll jekk biss f'parti minnu fit-territorju ta' Malta jew fuq il-baħar f'xi post fil-ġurisdizzjoni territorjali ta' Malta;*
*(b) il-ħati jkun ċittadin ta' Malta jew residenti permanenti f'Malta fi ħdan it-tifsira tal-artikolu 5(1)(d);*
*(ċ) ir-reat isir għall-benefiċċju ta' persuna ġuridika stabbilita f'Malta.'*

Ghalhekk skond is-subartikolu (1) tal-artikolu 337A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-piena hija dik ta' bejn **sitt xhur sa hames snin** jew **multa ta' tlieta u ghoxrin elf mitejn u tlieta u disghin ewro u tlieta u sebghin centezmu (23,293.73)** jew dik il-**multa u prigunerija flimkien** u **d-dispozizzjonijiet tal-artikoli 21 u 28A u dawk tal-Att dwar il-Probation ma jkunux japplikaw**. Ghalhekk il-Qorti ma setghetx taghti sentenza sospiza, ma setghetx tmur taht il-minimu stabbilit mill-ligi u lanqas setghet tapplika d-disposizzjonijiet tal-Att dwar il-Probation. Ghalhekk l-ghazla li kellha quddiemha l-Qorti in kwantu l-piena taht dan l-artikolu kienet piena ta' prigunerija

effettiva jew multa fl-ammont stabbilit f'dan l-artikolu jew kemm multa u prigunerija flimkien. In oltre' skont l-ewwel proviso tal-artikolu 337A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, meta l-ghadd tal-persuni mghejuna, asistiti, moghtija parirr li jkun sar thabrik dwarhom jew il-mira tal-kongura kif imsemmi fis-subartikolu (1) tal-artikolu 337A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jeccedu t-tlieta, il-piena ghandha tizdied minn grad sa tlieta. F'dan il-kaz jirrizulta li l-persuni mghejuna kienu aktar minn tlieta.

L-appellant instab hati ukoll taht l-artikolu 32(1)(a) tal-Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta' Malta li jaqra li:

'*(1) Kull persuna li -*

*(a) tgħin jew tassisti lil xi persuna biex tinżel l-art jew tittanta tinżel l-art f'Malta, jew li toqgħod ġewwa Malta, kontra d-disposizzjonijiet ta' dan l-Att, jew lil xi persuna biex tinżel l-art jew tittanta tinżel l-art, jew li toqgħod ġewwa, jew li titlaq minn xi Stat ieħor bi ksur tal-liġi dwar id-dħul, ir-residenza u l-ħruġ ta' dak l-Istat, jew taħbi jew tagħti kenn lil xi persuna li tkun taf, jew ikollha tassew għax taħseb, li tkun qiegħda f'Malta kontra d-disposizzjonijiet ta' dan l-Att; jew*'

*(...)*

*tkun ħatja ta' reat u teħel, meta tinsab ħatja mill-Qorti tal-Maġistrati,* ***multa ta' mhux iżjed minn ħdax-il elf, sitt mija u sitta u erbgħin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (11,646.87)*** *jew* ***priġunerija għal żmien ta' mhux aktar minn sentejn*** *jew dik* ***il-multa u priġunerija flimkien****, kemm-il darba mhix stabbilita għal dak ir-reat piena akbar b'liġi oħra:*

*Iżda l-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni jista' jiddeċiedi li ma jitteħdux proċeduri fuq kwalunkwe persuna li tgħin jew tassisti kwalunkwe persuna oħra fi kwalunkwe sitwazzjoni immedjata ta' periklu, sabiex tinżel l-art jew tipprova tinżel l-art jew waqt it-tranżitu minn Malta, meta dawn l-atti jkunu ġew kommessi bil-għan li jipprovdu assistenza umanitarja.*'

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija vs Djillali Douib'**[2] l-akkuzat gie kkonfermat hati tar-reat taht l-artikolu 337A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ta' falsikfikazzjoni, bdil f'passaport li jaf li gie ffalsifikat, imbidel jew li sar tibdil fih u li ghamel falsifikazzjoni ohra jew li xjentement ghamel uzu minn dokument iehor ffalsifikat. Mis-sentenza ma jirrizultax li l-persuni mghejuna fit-termini tal-artikolu 337 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta kienu aktar minn tlieta (3). Il-Qorti kkunsidrat:

*'Illi din il-Qorti rat li l-fedina penali ezebita mill-prosekuzzjoni tindika li l-appellant sal-gurnata tal-lum ghandu fedina penali kompletament netta. Jirrizulta wkoll li l-appellant ghandu mpieg fiss u sentenza karcerarja effettiva ma tkunx piena sodisfacenti fid-dawl tal-kazijiet hawn fuq imsemmija. L-appellant ghandu jinghata l-ahhar opportunita' biex ikun jista' ighix fis-socjeta' u ikun ragel produttiv ghalih u ghall-familja tieghu.*

*Illi fic-cirkostanzi din il-Qorti hi tal-fehma li piena karcerarja effettiva mhix wahda ekwa u gusta.*

*Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet fil-waqt li tikkonferma s-sentenza dwar il-htija, tilqa' l- appell ta' l-appellant dwar il-piena. Thassar u tirrevoka l-piena nflitta ta' tletin xahar prigunerija. Minflok, tikkundanna lil Djillali Douib ghal piena ta' sentejn prigunerija. Rat l-artikolu 28A tal- Kodici Kriminali tordna li tali piena ma ssehh hlief jekk l-imsemmi Djallali Douib jikkometti reat iehor li ghalih hemm il-piena tal-prigunerija fi zmien erba' snin mil-lum. Minbarra dan tikkundannah ghal hlas ta' multa ta' hames telef euro (€5,000).'*

Din il-Qorti izda tqis li skond l-artikolu 337A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, id-dispozizzjonijiet tal-artikoli 21 u 28A u dawk tal-Att dwar il-Probation ma jkunux japplikaw u ghalhekk il-Qorti ma tistax taghti sentenza sospiza.

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija v. Doris Montebello ... omissis ... ... omissis ...**[3]**'** fejn l-appellanta kienet ikkonfermata hatja ai termini tal-artikolu 337A, 48A u 49 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta fejn izda fejn gie meqjus li l-ewwel proviso tal-artikolu 337A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta dwar meta l-assistenza tinghata lil aktar minn tliet persuni ma kienx applikabbli, inghad li:

---

[2] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-15 ta' Novembru, 2016 (Appell Numru:12/2014)
[3] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-25 ta' Frar, 2009 (Appell Kriminali Numru: 250/2005)

*'Il-piena applikabbli skond is-subartikolu (1) ta' l-artikolu 337A tal-Kap. 9 hi dik ta' prigunerija minn sitt xhur sa hames snin jew multa ta' tlieta u ghoxrin elf, mitejn tlieta u disghin euro u tlieta u sebghin centezmu (23,293.73) jew dik il-multa u prigunerija flimkien, filwaqt illi l-ewwel proviso ta' dan is-subartikolu jipprovdi li fejn l-ghadd ta' persuni mghejjuna, assistiti, moghtija parir, li jkun sar thabrik dwarhom, jew il-mira tal-kongura, ikun ta' aktar minn tlieta, il-piena ghandha tizdied bi grad wiehed sa tliet gradi.* ***Fil-kaz ta' l-appellanti, billi m'hemmx provi assodati li hija tat l-assistenza taghha lil aktar minn tliet persuni, il- proviso mhux applikabbli ghaliha.***

*Fir-rigward l-artikolu 50 tal-Kap. 9, ghalkemm l-ewwel Qorti ccitat dan l-artikolu fil-konfront tal-ko-imputati kollha, inkluz mela l-appellanti, dan l-artikolu l-anqas ma hu applikabbli fil-konfront ta' l-appellanti peress illi s-sentenzi li ghalihom saret referenza nghataw fl-4 ta' Mejju 1995 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali (Dok. SZ1 a fol. 301 – 302) u fis-26 ta' Settembru 1997 mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali (Dok. SZ a fol. 295 – 300) u allura aktar minn hames snin qabel id- data li ghaliha l-imputazzjonijiet odjerni jirreferu.*

*Kwindi, kemm ghall-istess raguni moghtija mill-ewwel Qorti, cioe` li l-partecipazzjoni ta' l-appellanti kienet inqas minn dik tal-ko-imputati l-ohra u fil-fatt mhuwiex applikabbli l-proviso ta' l-artikolu 337A imsemmi, kif ukoll peress illi mhuwiex applikabbli l-artikolu 50 imsemmi, hemm lok ta' temperament konsiderevoli fil-piena.*

*Ghal dawn il-motivi :*

*Tiddeciedi billi tirriforma s-sentenza appellata, u filwaqt illi tiddikjara li l-appellanti ghandha titqies recidiva a tenur ta' l-artikolu 49 tal-Kap. 9 biss u mhux ukoll ta' l-artikolu 50 ta' l-istess Kap. 9, tirrevokaha in kwantu kkundannat lill-appellanti ghal prigunerija ghal perijodu ta' tliet snin u minflok tikkundannaha ghal prigunerija ghal perijodu ta' sena bit-tnaqqis taz-zmien li ghamlet taht arrest preventiv, u tikkonfermaha fil-bqija.'*

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija Vs Omissis Simon Muscat Omissis Omissis'**[4] il-Qorti tal-Appell Kriminali ikkonfermat is-sentenza appellata fil-konfront ta' Simon Muscat fejn kienet instabet htija taht l-artikoli 28 u 32(1)(a) tal-Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta' Malta u fejn gie kkundannat ghal tnejn u ghoxrin (22) xahar prigunerija u hamest'elef Ewro multa (€5,000), hlas ta' sehem mill-ispejjez inkorsi bin-nomina ta' esperti u traduttrici skont l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-konfiska ta' xi oggetti skont l-artikolu 23 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija Spettur Frankie Sammut Vs Ahmed Faroud'**[5] saret referenza ghal li l-imputat kien fuq ammissjoni tieghu stess instab hati taht l-artikolu 32(1)(a) tal-Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta' Malta u fejn il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fis-sentenza taghha tal- 20 ta' Ottubru 2014 kienet ikkundannatu ghal multa ta' hamest'elef ewro (€5000), piena ta' tmintax (18) il-xahar prigunerija li wara li rat l-artikolu 28A(1) tal-Kodici Kriminali ordnat li s-sentenza ta' prigunerija ma ghandhiex tibda ssehh hlief jekk l-imputat jikkommetti reat iehor li ghalih hemm piena ta' prigunerija fi zmien erba' (4) snin u wara li l-Qorti kompetenti tkun *ai termini* tal-artikolu 28B tal-Kodici Kriminali ordnat li din is-sentenza ghandha tigi fis-sehh. B'zieda mal-piena wara li rat l-artikolu 28G(1) tal-Kodici Kriminali ghamlet ordni ta' supervizjoni ghal perjodu ta' sentejn u qieghdet lil hati taht ordni ta' servizz fil-komunita bil-kundizzjoni li jaghmel xoghol bla hlas ghal mitejn (200) siegha kif ukoll ordnat il-konfiska ta' vettura favur il-Gvern ta' Malta. Il-Qorti tal-Appell Kriminali irriformat is-sentenza in kwantu l-piena u kkunsidrat li:

*'Jinghad mill-bidu nett illi l-piena inflitta qieghda fil-parametri tal-ligi f'liema kaz, kwindi, il-principju regolatur hu li mhux normali li l-Qorti tal-Appell tiddisturba d- diskrezzjoni tal-ewwel Qorti. Però l-Qorti trid tikkonsidra ukoll l-aspett socjali tal- appellant fejn dan qieghed go pajjiz stangier ghalih, ma jahdimx jew jipprova jahdem minn gurnata ghall-ohra biex jaqla' x'jiekol u ma jkunx ta' piz fuq beneficcji socjali u jkun kontro produttiv illi l-persuna tqieghda f'rokna illi ma tkunx tista' ssib xoghol jew mezz ta' ghajxien decenti.*

[4] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-20 ta' Settembru, 2012 (Appell Kriminali Numru: 308/2011)
[5] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-26 ta' Frar, 2015 (Appell Kriminali Numru: 426/2014)

*Ghalhekk hemm bzonn li jinstab bilanc bejn l-aspett ekonomiku tal-appellant kif ukoll l-aspett socjali tar-reat imwettaq minnu li f'dan il-kuntest ma kienx wiehed serju u ma halla l-ebda konsegwenza. Filwaqt illi l-appellant irid jirrealizza l-izball li ghamel, irid jinghata l-opportunità illi jirrimedja, ihallas il-multa u jkun f'pozizzjoni illi jkompli hajtu bhala cittadin onest. Forsi f'dan is-sens il-piena inflitta mill-ewwel Qorti kienet verament gravuza fil-konfront tieghu, specjalment ukoll il-konfiska ta' vettura mixtrija ricentement illi kienet mezz ta' ghajxien ghall-appellant. Ghalhekk din il-Qorti thoss illi ghandu jkun hemm temperament fil-piena.*

*Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tilqa' l-appell, tikkonferma s- sentenza appellata ghal dak li jirrigwarda l-htija, tirriformaha ghal dak li jirrigwarda l-piena fejn flok multa ta' hamest elef ewro (€5,000), tikkundanna lill-appellant li jhallas multa ta' elf ewro (€1,000), tikkonferma s-sentenza fejn imponiet tmintax-il (18) xahar prigunerija sospizi ghal erba' snin kif ukoll mitejn siegha ghal servizz fil- komunità u tirrevokaha fejn ordnat il-konfiska tal-vettura KBR 258 li ghandha tigi ritornata lill-appellant.*'

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Ir-Repubblika ta' Malta Kontra Antonio sive Anthony Abdilla Dorianne Abdilla'**[6] fejn l-imputati instabu hatja skont l-artikolu 337A tal-Kodici Kriminali fejn l-ghadd ta' persuni mghejuna, assistiti, moghtija parir, li jkun sar thabrik dwarhom jew il-mira tal-kongura kienu aktar minn tlieta (3), il-Qorti Kriminali iddeciediet li:

'*Peress li, wara li hadet kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, u senjatament sentenzi recenti fejn kien hemm ammissjoni ta' reati simili, hija sodisfatta li l-kombinazzjoni ta' sanzjonijiet u mizuri mitluba huma tali li jkun legittimu illi hija timponi mas-sejbien ta' htija ghar-reati li dwarhom il-hatja ammettew l-htija taghhom w peress li ma hemmx raguni ohra skond il-ligi biex din il-Qorti tordna li jitkompla li jsir il-guri tal-kaz, jidher li din il-Qorti ghandha tghaddi biex taghti s-sentenza lilha indikata mill-partijiet.*

*Din il-Qorti thoss li f' dan il-kaz partikolari ghandha taderixxa ghat-talba konguntiva maghmula skond l- artikolu 453A tal-Kodici Kriminali u ghaldaqstant, wara li rat l-artikoli 337A, 23 u 533 tal-Kodici Kriminali tikkundanna lill-hati, Antonio sive Anthony Abdilla ghall- piena komplessiva ta' hames (5) snin u sitt (6) xhur prigunerija w lill-hatja Dorianne*

[6] Deciza mill-Qorti Kriminali fis-7 ta' Ottubru, 2013 (Numru: 38/2010)

*Abdilla tikkundannaha multa ta' tlieta u ghoxrin elf mitejn u tlieta u disghin Euro u tlieta u sebghin centezmu (€23,293.73) kif ukoll tikkundannhom ihallsu s-somma ta' tlett elef, tmien mija u hmistax il-Ewro u disghin centezmi (€3,815.90 ), rapprezentanti l-ispejjez tal-perizji inkorsi f'dan il-process, u dan a tenur tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali;*

*Tordna li jekk l-ispejjez tal-perizji ma jithallsux fi zmien hmistax il-jum mil-lum, jigu konvertiti f' terminu ta' prigunerija skond il-ligi.*

*Tordna wkoll il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat.'*

Ikkunsidrat ulterjorament;

In kwantu l-iskop tal-piena, din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija vs Mohamed BERKOUK, Maalem ABDERRAHMANE, Lazhari ZAMOUCHE'**[7] fejn gie kkunsidrat li:

*'6. Peress li dan huwa appell limitat biss għall-piena inflitta, din il- Qorti trid tistħarreġ jekk il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx legalment u raġonevolment tasal għas-sentenza tagħha billi tanalizza jekk il- piena inflitta minn dik il-Qorti kienetx taqa' fil-parametri legali, jekk kienetx żbaljata fil-prinċipju, jew jekk kienetx manifestament eċċessiva. Kif ġie mistqarr mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) fil-kawża fl-ismijiet* ***The Republic of Malta vs. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek*** *deċiża nhar il-25 t'Awissu 2005 :*

*It is clear that the first Court took into account all the mitigating as well as the aggravating circumstances of the case, and therefore the punishment awarded is neither wrong in principle nor manifestly excessive, even when taking into account the second and third grounds of appeal of appellant Melek. As is stated in Blackstone's Criminal Practice 2004 (supra):*

*"The phrase 'wrong in principle or manifestly excessive' has traditionally been accepted as encapsulating the Court of Appeal's general approach. It conveys the idea that the Court of Appeal will not interfere merely because the Crown Court sentence is above that which their lordships as individuals would have imposed. The appellant must be able to show that the way he was dealt with was outside the broad range of penalties or other dispositions appropriate to*

[7] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-22 ta' Ottubru, 2019 (Appell numru 234 tal-2019)

*the case. Thus in Nuttall (1908) 1 Cr App R 180, Channell J said, 'This court will...be reluctant to interfere with sentences which do not seem to it to be wrong in principle, though they may appear heavy to individual judges' (emphasis added). Similarly, in Gumbs (1926) 19 Cr App R 74, Lord Hewart CJ stated: '...that this court never interferes with the discretion of the court below merely on the ground that this court might have passed a somewhat different sentence; for this court to revise a sentence there must be some error in principle." Both Channell J in Nuttall and Lord Hewart CJ in Gumbs use the phrase 'wrong in principle'. In more recent cases too numerous to mention, the Court of Appeal has used (either additionally or alternatively to 'wrong in principle') words to the effect that the sentence was 'excessive' or 'manifestly excessive'. This does not, however, cast any doubt on Channell J's dictum that a sentence will not be reduced merely because it was on the severe side – an appeal will succeed only if the sentence was excessive in the sense of being outside the appropriate range for the offence and offender in question, as opposed to being merely more than the Court of Appeal itself would have passed."2*

*This is also the position that has been consistently taken by this Court, both in its superior as well as in its inferior jurisdiction.*

*7. Fi ftit kliem, jispetta lill-Qorti tal-Maġistrati li tiddeċiedi fuq il-fatti tal-każ, fuq jekk l-imputat ikunx ħati jew le, u jekk ħati, x'piena għandha tingħatalu. Jekk il-Qorti tal-Maġistrati ma tkunx ħadet xi żball fl-analiżi tal-provi jew tal-Liġi, allura s-sentenza tagħha tibqa' torbot u din il-Qorti ma tistax taqbad u tbiddilha jew tħassarha jekk ma jkunx hemm raġuni valida għaliex. Jekk pero l-Qorti tal- Maġistrati tkun ħadet xi żball, imbagħad din il-Qorti għandha d- dmir li dak l-iżball tirranġah.*

*8. Din il-Qorti trid tanalizza wkoll jekk il-Qorti tal-Maġistrati applikatx piena li kienet* ***<u>manifestament eċċessiva</u>*** *meta wieħed jieħu kont ukoll tal-aspetti retributtivi u preventivi tas-sentenza emessa minnha. Kif intqal aktar il-fuq fl-appell* ***Kandemir*** *u li ġie wkoll imbagħad ribadit fl-appell superjuri* ***Ir-Repubblika ta' Malta vs. Marco Zarb****, deċiża nhar il-15 ta' Diċembru 2005, din il-Qorti bħala Qorti ta' appell ma tiddisturbax is-sentenza mogħtija mill- Qorti tal-ewwel istanza sempliċiment għaliex kienet tippreskrivi piena li kienet għola minn dik li din il-Qorti kif komposta kienet kieku tagħti kieku kienet hi li qegħda teroga l-piena. Biex l-appell jirnexxi, kien meħtieġ li l-appellant juri li l-piena mogħtija mill- Qorti tal-Maġistrati kienet toħroġ barra mill-parametri tal-piena jew miżuri applikabbli għall-każ.*

*Din il-Qorti ma tinterferix ma pieni li ma jkunux jidhru li huma żbaljati fil-prinċipju, għalkemm ikunu jidhru li huma pieni ħorox għal xi Gudikanti. Biex piena mogħtija minn Qorti tal-Ewwel Istanza tkun tista' tiġi mibdula jrid jiġi pruvat li kien hemm xi żball fil-prinċipju meta ġiet emanata dik il-piena.*

*9 Il-ġustifikazzjoni tal-piena fl-eżerċizzju tad-Dritt Penali modern hija pernjata fuq tliet prinċipji kardinali u tiffoka fuq tliet effetti prinċipali, jiġifieri l-effett :*

*(a) Retributtiv;*

*(b)Preventiv; u*

*(c) Riedukattiv jew rijabilitattiv tal-piena*

*L-**aspett retributtiv** tal-piena huwa, skont il-ġurista Francesco Carnelutti, dak li jservi biex jirristabbilixxi is-sitwazzjoni morali soċjali għal kif kienet qabel ma seħħet il-ħsara lis-soċjeta bil- kommissjoni tar-reat. U s-soċjeta teżiġi li l-ħati jagħmel tajjeb għall- azzjoni vjolattiva tad-dritt penali kommessa minnu u li tkun kisret il-paċi u trankwillita' tagħha.*

*L-**aspett preventiv** tal-piena huwa dak li jrid jassigura li l-piena tkun strument li bih, grazzi għal biża li s-sanzjoni li tkun tista' tingħata toħloq f'moħħ is-soċjeta, b'mod li dak li jkun jerġa jaħsibha darbtejn qabel ma jikkommetti reat. Fi kliem ieħor, minħabba l-biża li teħel il-piena, persuna tiġi mġegħela tixtarr sew il-konsegwenzi t'egħmilha **qabel** ma twettaq l-att kriminuż.*

*L-aspett preventiv għalhekk huwa dupliċi : wieħed ta' natura ġenerali u l-ieħor ta' natura speċjali. L-effett preventiv ġenerali huwa dak li bis-saħħa tal-liġi penali li tistabbilixxi l-piena, is-soċjeta tiġi kemm jista' jkun imrażna milli tikkommetti reati minħabba l- biża li tinkorri fil-piena jekk tinstab ħatja. Aktar ma dik il-piena tiġi applikata fil-prattika, aktar dak l-effett preventiv ġenerali jkun laħaq il-mira tiegħu. L-aspett preventiv speċjali huwa dak li japplika għall-ħati innifsu, li jkun esperjenza fuqu personali l-effetti tal-piena, b'mod li darb'oħra jerġa jaħsibha sew qabel ma jagħżel li jikser il-Liġi. Jekk is-soċjeta titlef din il-biża mill-piena minħabba li l-Liġi penali tibda' titnaqqar fil-kwalita jew kwantita tal-piena jew inkella minħabba li l-pieni ma jiġux applikati bir-rigorosita dovuta għall-fattispecie tal-każ, allura ma jkun hemm xejn li jġiegħel lill- membri tas-soċjeta milli jiddeżistu għax jekk jiddelinkwu*

*mingħajr konsegwenza jew b'konsegwenza żgħira, isir konvenjenti għall- membri fi ħdan soċjeta li jiddelinkwu. Dan iwassal għal proliferazzjoni ta' delinkwenza b'konsegwenzi nefasti għall- interessi tal-kollettivita'. Is-soċjeta allura teħtieġ li l-piena jkollha aspett preventiv li jkun effettiv u effikaċi meħtieġ għall-eżistenza paċifika tagħha stess. Altrimenti, il-kollass.*

*Finalment hemm l-**<u>aspett riedukattiv</u>** u **<u>rijabilitattiv</u>** tal-piena, li tikkonċentra mhux daqstant fuq l-aspett tal-ħtija speċifika tal-ħati u li għaliha tkun immirata l-azzjoni repressiva tal-piena, daqskemm fuq l-aspett ta' trattament terapewtiku individwali, immirat lejn ir-rijabilitazzjoni tal-ħati. Dan l-aspett rijabilitattiv huwa kruċjali għas-soċjeta in kwantu jgħin lill-ħati jgħaddi minn proċess ta' riforma tiegħu innifsu biex jgħinu jinqata' mir-raġunijiet u l- kundizzjonijiet li jkunu wasluh biex jiddelinkwi, billi jagħraf iqum fuq saqajh, jibni ħajtu mill-ġdid u ma jibqax aktar ta' theddida għas- soċjeta bħal meta kien fil-mument meta jkun iddelinkwa.*

*F'dan il-kuntest il-piena għandu jkollha effetti riedukattivi u korrezzjonali fuq il-ħati. Biex dan l-għan jintlaħaq, il-ħati għandu jsib dawk l-istrutturi maħsuba mill-Istat biex ikun jista' jwettaq dan il-perkors rijabilittativ u jiġi mgħejjun itejjeb l-imġieba tiegħu b'mod li għalhekk ikun jista' jerġa jiġi reintegrat fis-soċjeta, billi jiġi riedukat, imħeġġeġ jiżviluppa t-talenti u l-abbiltajiet tiegħu, inkoraġġit jaħdem biex ikollu biex jerġa jibni ħajtu u jgħix diċenti, ma jkollux għalfejn jiddelinkwi u jkollu wkoll minn fejn jagħmel tajjeb għad-danni li jkun ikkawża b'egħmilu. F'dan is-sens allura l- Carnelutti jtenni li l-piena hija distinta mill-kastig, għalkemm għandha effikaċja repressiva.'*

Din il-Qorti tqis li l-appellant ikkopera mal-Pulizija minn stadju bikri u dan jirrizulta kemm mill-istqarrija rilaxxata fis- 17 ta' Novembru, 2020 immarkata bhala Dok LB3 a fol 10 et sequitur u anke mill-ammissjoni bikrija registrata meta l-appellant tressaq b'arrest. Il-Qorti fis-sentenza appellata qieset li r-reati huma ta' natura serja tant li huma reati li jolqtu s-sigurta' tal-Istat. Qieset ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluz l-fedina penali tal-appellant li hija wahda netta, il-fatt li mal-ewwel okkazzjoni l-imputat ammetta l-htija tieghu u ghen fl-investigazzjoni tal-Pulizija. Din il-Qorti tqis li mill-istqarrija jirrizulta li in kwantu l-imputazzjoni ai termini tal-artikolu 337A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-ghadd ta' persuna mghejjuna, assisti, moghtija parir, li jkun sar thabrik dwarhom jew il-mira tal-kongura kif imsemmi fl-artikolu

337A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta  kienu aktar minn tlieta u ghalhekk jirrizulta l-ewwel proviso tal-artikolu 337A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jaqra:

*'Iżda meta l-għadd ta' persuni mgħejjuna, assistiti, mogħtija parir, li jkun sar tħabrik dwarhom, jew il-mira tal-konġura kif imsemmi qabel ikun ta' aktar minn tlieta, il-piena għandha tiżdied bi grad wieħed sa tliet gradi:'*

Filfatt meta l-appellant fl-istqarrija tieghu rilaxxata fis- 17 ta' Novembru, 2020 gie mistoqsi:

*'**M** Dawn l-ahhar gimghat, numru sostanzjali ta' immigranti, inqabdu jippruvaw isiefru b'ID cards ta' Spanja foloz. X'taf fuqhom dawn?*

***T** Jien bihhejtilhom dawn id-dokumenti imma mhux kollha. Kien hemm bejn 17 u ghoxrin persuna li bihhejtilhom dawn. Jien naghmilha ta' sensar f'din l-affari'.*

Mistoqsi:

*'**M** Inti tafu lil-Abdu Hassan li huwa libjan, gie malta bl-istess dghajsa mieghek?*
***T** Iva*
***M** Bihhejtlu document biex jipprova jsiefer min Malta jew ghamilt xi kuntatt mieghu dan l-ahhar xahar?*
***T** Iva*
***M** Vera li ltqajt mieghu quddiem il-bahar, Birzebbugia?*
***T** Iva. Hafna postijiet fosthom Birzerbbugia*
***M** Tafu lil Osman Yousef mis-Sudan? 19HH-017*
***T** iva*
***M** Bihhejtlu document biex jipprova jsiefer min Malta jew ghamilt xi kuntatt mieghu dan l-ahhar xahar?*
***T** iva*
***M** Tafu lil Salih Adam Sulayman mis-Sudan? 19BB-050*

***T** le*

***M** Bihhejtlu document biex jipprova jsiefer min Malta jew ghamilt xi kuntatt mieghu dan l-ahhar xahar?*

***T** le*

***M** Tafu lil Ghazi Ali Khalil mis-Sudan?*

***T** Jista jkun - Ma nafx*

***M** Bihhejtlu document biex jipprova jsiefer minn Malta jew ghamilt xi kuntatt mieghu dan l-ahhar xahar?*

***T** Jista jkun - ma nafx*

***M** Tafu lil Mohammed Idris mis-Sudan?*

***T** iva*

***M** Bihhejtlu document biex jipprova jsiefer min Malta jew ghamilt xi kuntatt mieghu dan l-ahhar xahar?*

***T** iva*

***M** Tafu lil Aid Nadi mill-Egittu?*

***T** iva*

***M** Bihhejtlu document biex jipprova jsiefer minn Malta jew ghamilt xi kuntatt mieghu dan l-ahhar xahar?*

***T** iva*

***M** Kien hemm iktar nies li bihhejtilhom document biex isiefru min Malta?*

***T** Bejn 17 u 20'*

Il-piena stabbilita taht l-artikolu 337A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta hija dik ta' sitt (6) xhur sa hames (5) snin jew multa ta' tlieta u ghoxrin elf mitejn u tlieta u disghin euro u tlieta u sebghin centezmu (€23,293.73) jew dik il-multa u prigunerija flimkien. Skond l-ewwel proviso tal-artikolu 337A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta meta l-ghadd ta' persuni mghejjuna, assistiti, moghtija parir, li jkun sar thabrik dwarhom jew il-mira tal-kongura kif imsemmi fis-subartikolu (1) tal-artikolu 337A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tkun ta' aktar minn tlieta, il-piena ghandha tizdied bi grad wiehed sa tliet gradi. Ghalhekk f'dan il-kaz, il-piena kellha tizdied minn grad sa tlieta.

In oltre', il-piena ghar-reat mertu tat-tieni (2) imputazzjoni u cioe' dak skond l-artikolu 32(1)(a) tal-Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta' Malta hija dik ta' '*multa ta' mhux iżjed minn ħdax-il elf, sitt mija u sitta u erbgħin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€11,646.87) jew priġunerija għal żmien ta' mhux aktar minn sentejn jew dik il-multa u priġunerija flimkien, kemm-il darba mhix stabbilita għal dak ir-reat piena akbar b'liġi.*'

L-Ewwel Qorti kkundannat lill-appellant ghal piena ta' hamsa u erbghin (45) xahar prigunerija. Din il-Qorti tqis li filwaqt li hamsa u erbghin (45) xahar prigunerija hija piena fil-parametri tal-ligi u ma tersaqx lejn il-massimu, tqis li gialadarba jirrizulta li l-appellant ikkopera mal-Pulizija u rregistra ammissjoni bikrija fejn jirrizulta mill-istqarrija tieghu li kien hemm numru ta' persuni involuti u fejn l-appellant ma kienx dak li jissejjah '*il-huta l-kbira*', tqis li ghandha tvarja il-piena inflitta u filwaqt li tqis li piena karcerarja hija idonea fic-cirkostanzi tenut kont tal-gravita' tar-reati li taghhom instab hati, tqis izda li piena ta' sitta u tletin (36) xahar prigunerija hija aktar ekwa fic-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' limitatament l-appell u filwaqt li tikkonferma l-htija misjuba tal-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tal-appellant, tirrevoka fejn l-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata ikkundannat lill-appellant ghal piena ta' hamsa u erbghin (45) xahar prigunerija u minflokk tikkundanna lill-appellant ghal sitta u tletin (36) xahar prigunerija.

(ft) Consuelo-Pilar Scerri Herrera
Imhallef
VERA KOPJA

Franklin Calleja
Deputat Registratur